32004D0018

21.10.2004 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA* L 320/21

LINJA TA' GWIDA TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

tas-16 ta' Settembru 2004

dwar l-akkwist tal-karti tal-flus euro

(BĊE/2004/18)

(2004/703/KE)

IL-KUNSILL GOVERNATTIV TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, b'mod partikolari l-Artikolu 106(1),

Wara li kkunsidra l-iStatut tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, b'mod partikolari l-Artikolu 16,

Billi:

(1) L-Artikolu 16 ta' l-iStatut jagħti lill-Kunsill Governattiv tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) id-dritt esklussiv li jawtorizza l-ħruġ tal-karti tal-flus euro fi ħdan il-Komunità. Dan id-dritt esklussiv jinkludi l-kompetenza li jiddefinixxi l-qafas legali għall-akkwist tal-karti tal-flus euro.

(2) Skond l-Artikolu 106(1) tat-Trattat u l-Artikolu 12.1 ta' l-iStatut, il-BĊE jista' jalloka r- responsabbiltà tal-ħruġ tal-karti tal-flus euro lill-banek ċentrali nazzjonali ta' l-iStati Membri li addottaw il-euro (il-"BĊNi"), skond l-ishma perċentwali tal-BĊNi fil-kapital sottoskritt tal-BĊE għassena finanzjarja relevanti kkalkulati bl-użu tal-*weightings* tal-BĊNi fl-iskema msemmija fl-Artikolu 29.1 ta' l-iStatut (hawnhekk iżjed "il quddiem 'l-iskema kapitali"). Barra minn dan, il-BĊE għandu jalloka r-responsabbiltà għall-iffinalizzar u l-ġestjoni ta' ftehim ta' forniment għall-produzzjoni tal-karti tal-flus euro billi jqis il-prinċipju tad-diċentralizzazzjoni u l-ħtieġa għal qafas ta' ġestjoni effettiv.

(3) Il-qafas għall-akkwist tal-karti tal-flus euro għandu jikkonforma, min-naħa l-waħda, ma' l-obbligu stabbilit fl-Artikolu 105(1) tat-Trattat u fl-Artikolu 2 ta' l-iStatut, sabiex l-Ewrosistema taġixxi skond il-prinċipju ta' ekonomija ta' suq miftuħ b'kompetizzjoni ħielsa, fejn tiffavorixxi l-allokazzjoni effiċjenti tar-riżorsi u, min-naħa l-oħra, tqis in-natura partikolari tal-karti tal-flus euro li huma stampati biex jinħarġu biss mill-Ewrosistema bħala mezz żgur ta' ħlas. Barra minn dan, skond il-prinċipju tad-diċentralizzazzjoni, il-qafas għall-akkwist tal-karti tal-flus euro għandu wkoll iqis il-fatt illi xi BĊNi għandhom stamperija ta' ġewwa tagħhom stess jew jużaw stamperija pubblika sabiex jipproduċu l-karti tal-flus euro.

(4) Fl-isfond tal-prinċipji msemmija hawn fuq, il-Kunsill Governattiv iddeċieda fl-10 ta' Lulju 2003, li għandha tiġi applikata strateġija kompetittiva komuni ta' l-Ewrosistema għas-sejħiet għall-offerti (hawnhekk iżjed 'il quddiem "il-proċedura waħdanija ta' sejħa għall-offerti ta' l-Ewrosistema") għall-akkwist tal-karti tal-flus euro mhux aktar tard mill-1 ta' Jannar 2012 'il quddiem. Il-BĊNi li għandhom stamperija ta' ġewwa, jew dawk li jużaw stamperija pubblika jistgħu jagħżlu li ma jieħdux sehem fil-proċedura waħdanija ta' sejħa għall-offerti ta' l-Ewrosistema. F'dawn il-każijiet, dawn l-istamperiji jibqgħu responsabbli għall-produzzjoni tal-karti tal-flus euro li jkunu ġew allokati għall-BĊNi tagħhom skond l-iskema kapitali iżda jiġu esklużi milli jieħdu sehem fil-proċedura waħdanija ta' sejħa għall-offerti ta' l-Ewrosistema.

(5) Perjodu tranżitorju, li jippermetti kemm lill-BĊNi kif ukoll lill-istamperiji biex jippreparaw għal din l-istreteġija fuq medda twila ta' żmien, għandu jibda mill-aktar fis malli jiġi aċċertat li ta' mill-inqas nofs il-ħtieġa totali annwali ta' karti tal-flus euro ta' l-Ewrosistema ser tkun soġġetta għal sejħa għall-offerti u ta' mill-inqas nofs il-BĊNi kollha jkunu se joħorġu sejħa għall-offerti għall-karti tal-flus euro allokati lilhom. Matul il-perjodu tranżitorju l-proċedura waħdanija ta' sejħa għall-offerti ta' l-Ewrosistema għandha tapplika għal dawk il-BĊNi li joħorġu sejħa għall-offerti għall-produzzjoni ta' karti tal-flus euro li l-ħruġ tagħhom ikun ġie allokat lilhom.

(6) Il-proċedura waħdanija ta' sejħa għall-offerti ta' l-Ewrosistema se tiżgura kundizzjonijiet ugwali bejn l-istamperiji kollha li jieħdu sehem fil-proċedura billi tippermetti kompetizzjoni bejn stamperiji ta' ġewwa, dawk pubbliċi kif ukoll dawk privati b'mod trasparenti u ekwu li ma jagħti l-ebda vantaġġ kompetittiv u nġust lil xi parti involuta. Sabiex jiġu żgurati dawn il-kundizzjonijiet ugwali, huma meħtieġa regoli speċifiċi dwar il-kompożizzjoni tal-Kumitat Waħdieni ta' l-Akkwisti ta' l-Ewrosistema (hawnhekk iżjed "il quddiem imsejjaħ 'il-Kumitat ta' l-Akkwisti"), l-imġieba tal-membri tiegħu u l-kundizzjonijiet għall-istamperiji li jieħdu sehem fil-proċedura waħdanija ta' sejħa għall-offerti ta' l-Ewrosistema.

(7) Il-karti tal-flus euro huma ta' natura sensittiva w innovattiva. Għaldaqstant, dawn għandhom jinħadmu b'mod għal kollox protett, ikkontrollat u kunfidenzjali li jiggarantixxi provvista affidabbli, ta' kwalità għolja u sostenuta fuq medda ta' żmien. Barra minn dan, huwa meħtieġ li l-Ewrosistema tikkunsidra b'mod xieraq l-impatt possibbli tal-produzzjoni tal-karti tal-flus euro fuq is-saħħa u s-sigurtà pubblika u fuq l-ambjent. Dawn l-obbligi kollha ser jiġu kkunsidrati mill-proċedura waħdanija ta' sejħa għall-offerti ta' l-Ewrosistema.

(8) Il-Kunsill Governattiv għandu jissorvelja l-materja prima u l-fatturi tal-produzzjoni prinċipali kollha tal-karti tal-flus euro u, jekk ikun meħtieġ, jieħu miżuri adegwati sabiex jiżgura li jkunu magħżula w akkwistati b'tali mod li tiġi żgurata l-kontinwità tal-forniment tal-karti tal-flus euro, u, mingħajr preġudizzju għal-liġi Ewropea dwar il-kompetizzjoni u l-kompetenzi tal-Kummissjoni Ewropea, sabiex jiġi evitat li l-Ewrosistema ssofri minħabba l-abbuż ta' pożizzjoni dominanti fis-suq minn xi kuntrattur jew fornitur.

(9) Il-ftehim ta' forniment konklużi wara l-għeluq ta' proċedura waħdanija ta' sejħa għall-offerti ta' l-Ewrosistema bejn l-awtorità kontraenti u l-istamperiji individwali għandhom jikkonformaw mal-karatteristiċi komuni minimi stabbiliti mill-BĊE sabiex jiżguraw termini u kundizzjonijiet armonizzati għal-istamperiji kuntrattati kollha.

(10) Il-Kunsill Governattiv għandu jirrevedi t-tħaddim ta' din il-Linja ta' Gwida wara d-dħul fis-seħħ tagħha fid-dawl ta' l-esperjenza prattika ta' l-Ewrosistema f'dan ir-rigward. Id-dispożizzjonijiet ta' din il-Linja ta' Gwida għandhom jiġu interpretati, fejn xieraq, skond ir-regoli li jinsabu fid-Direttiva 2004/18/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 dwar il-koordinazzjoni ta' proċeduri għall-għoti ta' kuntratti ta' xogħlijiet pubbliċi, kuntratti ta' forniment pubbliċi u kuntratti ta' servizzi pubbliċi ([1]).

(11) B'mod konformi mal-politika ta' trasparenza ġenerali tal-BĊE, l-informazzjoni dwar il-proċedura tas-sejħa għall-offerti, bħall-kriterji ta' l-eliġibbilità u ta' l-għoti u r-riżultati ta' dawn il-proċeduri għandhom jiġu ppubblikati.

(12) Skond l-Artikolu 12.1 u l-Artikolu 14.3 ta' l-iStatut, il-linji ta' gwida tal-BĊE jagħmlu parti integrali mil-liġi tal-Komunità,

ADDOTTA DIN IL-LINJA TA' GWIDA:

TITOLU I

DIŻPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

Artikolu 1

Definizzjonijiet

Għall-iskopijiet ta' din il-Linja ta' Gwida:

1. "il-prinċipju ta" *arms length*' għandu jfisser il-prinċipju skond liema għandu jkun hemm separazzjoni sħiħa bejn il-kontijiet ta' stamperija ta' ġewwa u dawk tal-BĊN tagħha, u r-rimborż minn stamperija ta' ġewwa ta' l-appoġġ kollu ta' natura amministrattiva u organizzattiva li hija tirċievi mingħand il-BĊN tagħha. B'mod partikolari, dan ir-rimborż għandui jkopri (a) l-ispejjeż addizzjonali u varjabbli li jintefqu minn BĊN fl-għoti ta' appoġġ ta' natura amministrattiva u organizzattiva lill-istamperija ta' ġewwa tagħha; (b) kontribuzzjoni xierqa mill-istamperija ta' ġewwa għall-ispejjeż fissi relatati ma' l-appoġġ ta' natura amministrattiva u organizzattiva tal-BĊN; u (ċ) redditu adwegwat fuq l-investiment kapitali tal-BĊN fl-istamperija ta' ġewwa. Dawn il-kontribuzzjonijiet għandhom jiġu kkalkulati bir-rati tas-suq. Din id-definizzjoni għandha tqis il-każistika relevanti tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej, kif ukoll il-prinċipji komuni u relevanti tal-kontabilita' ta' l-ispejjeż iddefiniti separatament mill-Kunsill Governattiv;

([1]) ĠU L 134, tat-30.4.2004, p. 114.

2. "informazzjoni kunfidenzjali" għandha tfisser (a) kull informazzjoni mhux pubblika dwar il-proċedimenti u d-deliberazzjonijiet tal-Kumitat ta' l-Akkwisti; u (b) kull informazzjoni li tinsab f'dokumenti ta' offerti ppreżentati mill-istamperiji u/jew partijiet terzi oħrajn lill-Kumitat ta' l-Akkwisti; u (ċ) kull informazzjoni li tikkonsisti f'sigrieti tan-negozju jew informazzjoni oħra kunfidenzjali jew proprietary teknika u/jew tan-negozju li għandha x'taqsam mal-produzzjoni tal-karti tal-flus euro; u (d) l-informazzjoni mniżżla fl-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għal kull denominazzjoni tal-karta tal-flus euro; u (e) kwalunkwe informazzjoni oħra dwar il-produzzjoni tal-karti tal-flus euro li hija indikata bħala kunfidenzjali jew li minħabba n-natura tagħha hija meqjusa minn *bonus paterfamilias* bħala kunfidenzjali;

3. "awtoritajiet kontraenti" għandha tfisser jew il-BĊNi li jikkonkludu ftehim ta' forniment ma' stamperiji li jkunu ngħataw ordnijiet ta' produzzjoni skond il-proċedura waħdanija ta' sejħa għall-offerti ta' l-Ewrosistema, jew il-BĊE li jaġixxi f'isem dawn il-BĊNi;

4. "kontroll" għandha tfisser ir-relazzjoni bejn intrapriża *parent* u sussidjarja, fil-każijiet kollha msemmija fl-Artikolu 1(1) u (2) tas-Seba' Direttiva tal-Kunsill 83/349/KEE tat-13 ta' Ġunju 1983 ibbażata fuq l-Artikolu 54(3)(ġ) tat-Trattat dwar kontijiet ikkonsolidati ([1]), jew relazzjoni simili bejn kwalunkwe persuna ġuridika u xi intrapriża, fejn kwalunkwe sussidjarja ta' xi intrapriża sussidjarja għandha titqies ukoll bħala sussidjarja ta' l-intrapriża *parent* li tinsab fil-quċċata ta' dawk l-intrapriżi;

5. "obbligi tal-kwalità tal-produzzjoni tal-karti tal-flus euro (EBQR)" għandha tfisser id-dokumentazzjoni li tiddefinixxi l-obbligi komuni tal-kwalità għall-produzzjoni, l-aċċettazzjoni u l-validazzjoni tal-karti tal-flus euro kif irriveduti regolarment mill-Kunsill Governattiv;

6. "elementi protetti ta' l-euro" għandha tfisser karti tal-flus euro stampati b'mod sħiħ jew parzjali, komponenti tal-karta tal-flus euro u materjali w informazzjoni oħra li jeħtieġu l-protezzjoni tas- sigurtà, li t-telf, is-serq, il-komunikazzjoni jew il-pubblikazzjoni tagħhom jistgħu jagħmlu ħsara lill-integrità tal-karti tal-flus euro u/jew jistgħu jgħinu fil-falsifikazzjoni tal-karti tal-flus euro jew tal-komponenti tagħhom ;

7. "stamperija ta' ġewwa" għandha tfisser kwalunkwe stamperija li tkun (a) mil-lat legali kif ukoll dak organizzattiv parti minn xi BĊNi; jew (b) intrapriża separata li fiha xi BĊN jkun is-sid, direttament jew permezz ta' kontroll, ta' mhux anqas minn 50 % tad-drittijiet ta' votazzjoni jew tal-kapital ta' l-istamperija; jew (ċ) intrapriża separata li fiha xi BĊN jaħtar aktar min-nofs il-membri tal-korpi responsabbli għat-teħid tad-deċiżjonijiet fi ħdan l-istamperija;

8. "awtoritajiet pubbliċi" għandha tfisser l-awtoritajiet pubbliċi kollha, inklużi l-awtoritajiet Statali, reġjonali u lokali;

9. "stamperija pubblika" għandha tfisser kull stamperija li fiha l-awtoritajiet pubbliċi (a) ikollhom, direttament jew permezz ta' kontroll, ta' mhux anqas minn 50 % tad-drittijiet tal-vot jew tal-kapital; jew (b) jaħtru aktar minn nofs il-membri tal-korpi responsabbli għat-teħid ta' deċiżjonijiet;

10. "proċedura ristretta" għandha tfisser il-proċedura ta' l-akkwisti li fiha jistgħu jippreżentaw offerti biss dawk l-istamperiji li jikkonformaw mal-kriterji ta' l-eliġibbiltà ddefiniti f'din il-Linja ta' Gwida;

11. "ftehim ta' forniment" għandu jfisser kuntratt konklużbil-miktub bejn awtorità kontraenti u stamperija li tkun ingħatat xi ordni għall-produzzjoni ta' karti tal-flus euro bi ħlas.

12. "perjodu tranżitorju" għandu jfisser il-perjodu li jibda l-aktar kmieni fl-1 ta' Jannar, 2008, jew f'xi data aktar tard deċiża mill-Kunsill Governattiv ladarba jkun stabbilixxa, waqt li jaġixxi fuq proposta mill-Bord Eżekuttiv, li ta' mill-inqas nofs il-ħtieġa totali annwali tal-karti tal-flus euro ta' l-Ewrosistema ser tkun suġġetta għal sejħa għall-offerti u li ta' mill-inqas nofs il-BĊNi kollha ser joħorġu sejħa għall-offerti għall-karti tal-flus euro allokati lilhom. Il-perjodu tranżitorju għandu jintemm sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2011.

Artikolu 2

Skop ta' applikazzjoni

1. Il-proċedura waħdanija ta' sejħa għall-offerti ta' l-Ewrosistema għandha tibda mhux aktar tard mill-1 ta' Jannar, 2012.

2. L-akkwist f'xi perjodu ta' sitt xhur ta' karti tal-flus iddenominati fl-euro li jaqbeż il-valur ta' EUR 249 000, jew kwalunkwe valur ieħor speċifikat fid-Direttiva 2004/18/KE għandu jkun suġġett għall-proċedura waħdanija ta' sejħa għall-offerti ta' l-Ewrosistema stabbilita f'din il-Linja ta' Gwida.

3. Il-valur imsemmi fil-paragrafu 2 għandu jiġi kkalkulat billi jingħaddu l-ispejjeż ta' dak kollu li huwa meħtieġ għall-produzzjoni tal-karti tal-flus euro matul proċedura waħdanija ta' sejħa għall-offerti ta' l-Ewrosistema, inklużi l-ispejjeż anċillari bħal, fost l-oħrajn, dawk relatati mal-qerda ta' l-iskart tal-produzzjoni tal-karti tal-flus euro, imma esklużi l-VAT u l-ispejjeż tat-trasport.

([1]) ĠU L 193, tat-18.7.1983, p. 1.

4. Il-valur tal-ftehim tal-forniment m'għandux jiġi kkalkulat b'tali mod li tiġi evitata l-applikazzjoni ta' din il-Linja ta' Gwida, u b'dan l-istess skop lanqas m'għandha tiġi maqsuma xi ħtieġa ta' akkwist għal ammont partikolari ta' karti tal-flus euro b'dan l-istess skop.

5. Il-proċedura waħdanija ta' sejħa għall-offerti ta' l-Ewrosistema m'għandhiex tapplika għar-riċerka u l-iżvilupp, inkluż id-disinn u t-tnissil, tal-karti tal-flus euro. Dawn l-attivitajiet għandhom ikunu suġġetti għal regoli separati dwar l-akkwisti ta' l-Ewrosistema.

TITOLU II

PARTIJIET FIL-PROĊEDURA WAĦDANIJA TA' SEJĦA GĦALL-OFFERTI TA' L-EWROSISTEMA

Artikolu 3

It-twaqqif u l-kompożizzjoni tal-Kumitat ta' l-Akkwisti

1. Għandu jiġi mwaqqaf Kumitat ta' l-Akkwisti, li għandu jikkonsisti minn seba' esperti b'esperjenza professjonali relevanti, maħtura mill-Kunsill Governattiv li jaġixxi fuq proposti mill-BĊE u mill-BĊNi, magħżula minn fost il-personal kwalifikat ta' grad għoli tal-membri ta' l-Ewrosistema għal karigi b'tul ta' żmien iffissat bil-quddiem.

2. Il-BĊE għandu jipprovdi għajnuna segretarjali lill-Kumitat ta' l-Akkwisti.

Artikolu 4

Il-kodiċi ta' l-imġieba tal-Kumitat ta' l-Akkwisti

1. Il-BĊE u l-BĊNi għandhom jiżguraw li kull membru tal-personal tagħhom maħtur fil-Kumitat ta' l-Akkwisti jiffirma d-dikjarazzjoni li tinsab fl-Anness I ma' din il-Linja ta' Gwida.

2. Jekk xi membru tal-Kumitat ta' l-Akkwisti jikser il-kodiċi ta' l-imġieba li tinsab fl-Anness I, il-Kunsill Governattiv għandu (a) jkeċċih mill-Kumitat ta' l-Akkwisti; u (b) jgħarraf b'dan b'mod xieraq lil min iħaddimhom, għal skopijiet dixxiplinarji; u (ċ) jaħtar suċċessur fil-Kumitat ta' l-Akkwisti.

3. Il-BĊE u l-BĊNi għandhom jintroduċu dispożizzjonijiet xierqa fid-dokumentazzjoni legali li tirregola r-relazzjoni ta' l-impjieg mal-membri rispettivi tagħhom tal-Kumitat ta' l-Akkwisti, li jippermettulhom li jissanzjonaw, b'mod xieraq, u li jissorveljaw, fi ħdan il-limiti tal-leġiżlazzjoni applikabbli, il-konformità tal-membri tagħhom fil-Kumitat ta' l-Akkwisti mal-kodiċi ta' l-imġieba li jinsab fl-Anness I.

Artikolu 5

Ir-rwol tal-Kunsill Governattiv u tal-Bord Eżekuttiv

1. Il-Kunsill Governattiv, waqt li jaġixxi fuq proposta mill-Bord Eżekuttiv, għandu jżomm il-kondizzjonijiet għall-bidu tal-perjodu tranżitorju taħt reviżjoni u għandu jiddeċiedi dwar id-data tal-bidu tal-perjodu tranżitorju.

2. Il-Kunsill Governattiv, waqt li jaġixxi fuq proposta mill-Bord Eżekuttiv, għandu jiddeċiedi jekk l-istamperiji humiex eliġibbli skond l-Artikoli 7 u 8 biex jipparteċipaw fil-proċedura waħdanija ta' sejħa għall-offerti ta' l-Ewrosistema.

3. Il-Kunsill Governattiv, waqt li jaġixxi fuq proposta mill-Kumitat ta' l-Akkwisti permezz tal-Bord Eżekuttiv, għandu jaddotta r-regoli interni tal-proċedura, inklużi d-drittijiet tal-votazzjoni, tal-Kumitat ta' l-Akkwisti.

4. Qabel kull proċedura waħdanija ta' sejħa għall-offerti ta' l-Ewrosistema l-Kunsill Governattiv għandu jiddeċiedi liema membri ta' l-Ewrosistema għandhom jiġu nominati bħala awtoritajiet kontraenti.

5. Il-Kunsill Governattiv, waqt li jaġixxi fuq proposta mill-Kumitat ta' l-Akkwisti permezz tal-Bord Eżekuttiv, għandu jaddotta d-deċiżjoni dwar l-għoti ta' l-ordnijiet tal-produzzjoni.

6. Il-Kunsill Governattiv għandu, fuq it-talba ta' xi stamperija li tkun eliġibbli skond l-Artikoli 7 u 8, jirrevedi kull deċiżjoni ta' din ix-xorta qabel ma jiġi preżentat ilment lill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej.

7. Il-Kunsill Governattiv, waqt li jaġixxi fuq proposta mill-Bord Eżekuttiv, għandu jiżgura li l-konformità tal-partijiet kollha mar-regoli u l-proċeduri stabbiliti f'din il-Linja ta' Gwida tiġi vverifikata.

Artikolu 6

Il-BĊE u l-BĊNI

1. Il-BĊNi, jew il-BĊE li jaġixxi f'isem il-BĊNi, għandhom jidħlu fi ftehim ta' forniment ma' l-istamperiji li jkunu ngħataw ordnijiet ta' produzzjoni u għandhom jissorveljaw it-twettiq kif suppost ta' dawn il-ftehim.

2. Il-BĊNi li għandhom stamperiji ta' ġewwa u l-BĊNi li jużaw stamperiji pubbliċi jistgħu jiddeċiedu li ma jiħdux sehem fil-proċedura waħdanija ta' sejħa għall-offerti ta' l-Ewrosistema. F'dawn il-każijiet dawn l-istamperiji ta' ġewwa jew dawk pubbliċi għandhom jiġu eskluży mill-proċedura waħdanija ta' sejħa għall-offerti ta' l-Ewrosistema u għandhom jipproduċu l-karti tal-flus euro allokati lill-BĊNi tagħhom skond l-iskema kapitali. Madankollu, jistgħu jiddeċiedu li jieħdu sehem fil-proċedura waħdanija ta' sejħa għall-offerti ta' l-Ewrosistema f'data aktar tard. Din id-deċiżjoni għandha tkun irriversibbli.

3. Qabel ma tiġi konkluża proċedura waħdanija ta' sejħa għall-offerti ta' l-Ewrosistema, il-BĊE u l-BĊNi m'għandhom jipprovdu l-ebda informazzjoni kunfidenzjali lill-istamperiji, inklużi (a) l-istamperiji pubbliċi; u (b) l-istamperiji ta' ġewwa, sakemm il-BĊNi tagħhom ma jiħdux sehem f'xi proċeduri waħdanin ta' sejħa għall-offerti ta' l-Ewrosistema.

Artikolu 7

Eliġibbiltà ta' l-istamperiji

1. L-istamperiji, inklużi dawk ta' ġewwa u dawk pubbliċi, għandhom ikunu eliġibbli biex jieħdu sehem fil-proċedura waħdanija ta' sejħa għall-offerti ta' l-Ewrosistema skond il-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) l-istamperiji għandu jkollhom is-sede legali tagħhom fi Stat membru ta' l-Unjoni Ewropea. Barra minn hekk, il-karti tal-flus euro għandhom jinħadmu f'faċilitajiet li jinsabu fiżikament fi Stat Membru;

(b) l-istamperiji għandhom jiffirmaw ftehim ta' kunfidenzjalità pprovdut mill-BĊE;

(ċ) l-istamperiji għandhom ikunu akkreditati mill-Kunsill Governattiv, li jaġixxi skond l-evalwazzjoni tal-Bord Eżekuttiv dwar il-konformità tagħhom ma':

i. ir-regoli tas-sigurtà għall-produzzjoni u l-ħżin ta' elementi protetti tal-euro, li jiġu deċiżi separatament mill-Bord Eżekuttiv wara li jikkunsidra l-fehma tal-Kumitat tal-Karti tal-Flus; u

ii. il-EBQR, li jiġu deċiżi separatament mill-Bord Eżekuttiv wara li jikkunsidra l-fehma tal-Kumitat tal-Karti tal-Flus; u

iii. ir-rekwiżiti ta' saħħa u sigurtà, li jiġu deċiżi separatament mill-Bord Eżekuttiv wara li jikkunsidra l-fehma tal-Kumitat tal-Karti tal-Flus; u

iv. ir-rekwiżiti għall-produzzjoni tal-karti tal-flus euro b'mod li tagħmel l-inqas ħsara għall-ambjent, li jiġu deċiżi separatament mill-Bord Eżekuttiv wara li jikkunsidra l-fehma tal-Kumitat tal-Karti tal-Flus;

(d) l-istamperiji, inklużi dawk ta' ġewwa u dawk pubbliċi, m'għandhom jirċievu l-ebda għajnuna minghand xi Stat membru, xi BĊN, jew b'xi mod ieħor mir-riżorsi ta' l-Istat li jkun b'xi mod inkompatibbli mat-Trattat;

(e) l-istamperiji mhux suppost tiġu allokata lilhom il-produzzjoni tal-karti tal-flus euro kollha jew parti minnha ta' xi Stat Membru ta' l-UE minghajr proċedura ta' sejħa għall-offerti.

2. Awdituri indipendenti esterni għandhom jivverifikaw il-konformità mal-projbizzjoni li tinsab fil-paragrafu 1(d). L-istamperiji vverifikati għandhom jirrappurtaw kull sena is-sejbiet ta' l-awdituri indipendenti esterni lill-Kumitat ta' l-Akkwisti. Għal dan l-iskop, l-istamperiji kollha li jieħdu sehem fil-proċeduri waħdanin ta' sejħa għall-offerti ta' l-Ewrosistema għandhom jidentifikaw bi sħiħ id-dħul u l-ispejjeż tagħhom u għandhom jipprovdu b'mod partikolari informazzjoni dwar: (a) it-tpaċija ta' xi telf mill-operat; u (b) jekk xi BĊN jew xi awtorità pubblika tkunx ipprovdiet lill-istamperija b'xi kapital, għotjiet mhux rifondibbli jew self b'kundizzjonijiet preferenzjali; u (ċ) kull rinunzja ta' qliegħ minn xi BĊN jew kwalunkwe awtorità pubblika jew l-irkupru ta' l-ammonti dovuti; u (d) kull rinunzja minn xi BĊN jew kwalunkwe awtorità pubblika ta' redditu normali fuq fondi pubbliċi pprovduti lill-istamperija; u (e) kull kumpens mogħti għal piżijiet finanzjarji jew ħidmiet imposti fuqhom minn xi BĊN jew minn kwalunkwe awtorità pubblika.

3. L-intrapriżi konġunti, il-konsortja jew kwalunkwe intrapriża kooperattiva oħra permessa bil-liġi, kif ukoll stamperiji li jużaw sottokuntratturi għandhom jikkwalifikaw għall-parteċipazzjoni fil-proċeduri ta' l — akkwist kemm-il darba:

(a) kull membru ta' intrapriża kooperattiva u kull sottokuntrattur jikkonforma individwalment mal-kriterji ta' l — eliġibbiltà stabbiliti fil-paragrafi 1 u 2; u

(b) kuntrattur ewlieni jew mexxej ta' konsortjum għandu jibqa' responsabbli għall-proċess kollu tal-produzzjoni tal-karti tal-flus euro meħtieġ sabiex jiġi mwettaq il-kuntratt; u

(ċ) il-membri ta' intrapriża kooperattiva huma lkoll responsabbli *in solidum* fil-konfront ta' l-awtorità kontraenti għall-produzzjoni tal-karti tal-flus euro; u

(d) l-offerent għandu jgħarraf lill-Kumitat ta' l-Akkwisti dwar l-identità u r-rwoli speċifiċi tal-membri kollha ta' intrapriża kooperattiva u ta' kull sottokuntrattur.

4. L-istamperiji kollha li jkunu għadhom ma ġewx akkreditati skond il-paragrafu 1(ċ) u li jkollhom is-sede legali tagħhom fl-UE jistgħu jiksbu informazzjoni mill-BĊE fir-rigward tar-rekwiżiti stabbiliti f'dan l-Artikolu. Qabel ma joħroġ din l-informazzjoni, jew parti minnha, il-Kunsill Governattiv għandu, waqt li jaġixxi fuq proposta mill-Bord Eżekuttiv, jevalwa jekk l-istamperija li titlob l-informazzjoni tkunx *bona fide*. B'mod partikolari, il-Kunsill Governattiv għandu jivverifika, b'mod konformi ma' kull liġi u regolament nazzjonali applikabbli, ir-rekords personali tas-sidien u l-maniġers ta' l-istamperiji involuti. Jekk dawn il-verifiki jiżvelaw illi xi sid jew maniġer ta' l-istamperija li titlob l-informazzjoni kien instab ħati ta' xi reat li għandu x'jaqsam ma' l-imġieba professjonali tiegħu, din l-informazzjoni m'għandhiex tingħata lill-istamperija li titlob l-informazzjoni. L-istamperiji *bona fide* għandhom jiffirmaw ftehim ta' kunfidenzjalità provdut mill-BĊE.

5. Il-BĊE għandu jinforma lill-istamperiji akkreditati kollha ta' mill-inqas sitt xhur qabel il-bidu tal-proċedura waħdanija ta' sejħa għall-offerti ta' l-Ewrosistema dwar il-ħtiġijiet tal-karti tal-flus euro ta' l-Ewrosistema kif imsemmi fil-paragrafu 1(ċ) (i) sa (iv).

Artikolu 8

Kriterji addizzjonali ta' eliġibbiltà għal stamperiji ta' ġewwa u dawk pubbliċi

1. L-istamperiji ta' ġewwa u dawk pubbliċi għandhom jikkonformaw mal-kriterji ta' eliġibbiltà stabbiliti fl-Artikolu 7, u mal-kriterji addizzjonali ta' eliġibbiltà li ġejjin:

(a) għandu jkollhom arranġamenti interni effettivi li jimplimentaw il-prinċipju ta' *arms length*; u

(b) id-dħul u l-ispejjeż tagħhom għandhom jiġu assenjati skond il-bażi ta' prinċipji komuni tal- kontabilità ta' l-ispejjeż li jiġu ddefiniti separatament mill-Kunsill Governattiv li jaġixxi fuq proposta mill-Bord Eżekuttiv; u

(ċ) awdituri independenti esterni għandhom jissorveljaw il-konformità ta' l-istamperiji ta' ġewwa u dawk pubbliċi mal-kriterji addizzjonali ta' eliġibbiltà hawn fuq imsemmija. L-istamperiji ta' ġewwa u dawk pubbliċi għandhom ta' kull sena jirrappurtaw is-sejbiet ta' l-awdituri indipendenti esterni lill-Kumitat ta' l-Akkwisti.

2. Mill-ħin li xi BĊN jiddeċiedi li l-istamperija ta' ġewwa tiegħu jew dik pubblika ser tipparteċipa fil-proċedura waħdanija ta' sejħa għall-offerti ta' l-Ewrosistema, ir-rappreżentant(i) ta' dik l-istamperija ta' ġewwa jew ta' dik pubblika għandu jirreżenja mill-Kumitat tal-Karti tal-Flus u mis-sottogruppi tiegħu.

Artikolu 9

Esklużjoni mill-proċedura waħdanija ta' sejħa għall-offerti ta' l-Ewrosistema

1. Jekk, għal xi akkwist partikolari, l-offerti jidhru li huma baxxi żżejjed fir-rigward tal-karti tal-flus euro li għandhom jiġu pprovduti, il-Kumitat ta' l-Akkwisti għandu, qabel ma jiċħad dawk l-offerti, jitlob bil-miktub dettalji dwar l-elementi kostitwenti relevanti u għandu jivverifika dawk l-elementi kostitwenti waqt li jikkunsidra l — ispjegazzjonijiet li jirċievi. Meta l-Kumitat ta' l-Akkwisti jistabbilixxi li xi offerta hija baxxa żżejjed minħabba li l-offerent ikun kiseb għajnuna mill-Istat, l-offerta tista' tiġi miċħuda għal dawk ir-raġunijiet biss wara konsultazzjoni ma' l-offerent meta dan ta' l-aħħar ma jkunx jista' jġib prova, fi żmien suffiċjenti stabbilit mill-Kumitat ta' l-Akkwisti, li l-għajnuna in kwistjoni kienet ingħatat b'mod legali.

2. Il-Kunsill Governattiv, waqt li jaġixxi fuq proposta mill-Kumitat ta' l-Akkwisti, permezz tal-Bord Eżekuttiv, jew fuq proposta mill-Bord Eżekuttiv, għandu jiskwalifika lil stamperija milli tieħu sehem fil-futur fi proċedura waħdanija ta' sejħa għall-offerti ta' l-Ewrosistema jekk tonqos milli tikkonforma mal-kriterji ta' eliġibbiltà stabbiliti fl-Artikoli 7 u 8. Din l-esklużjoni għandha tibqa' fis-seħħ sakemm jiġu sodisfatti l-kriterji ta' l-eliġibbiltà stabbiliti fl-Artikoli 7 u 8. Jekk xi stamperija ta' ġewwa jew pubblika li tieħu sehem fil-proċedura waħdanija ta' sejħa għall-offerti ta' l-Ewrosistema tiġi skwalifikata, għandha tinħareġ sejħa għall-offerti għall-karti tal-flus euro allokati lill-BĊN tagħha skond l-iskema kapitali, b'mod konformi mal-proċedura waħdanija ta' sejħa għall-offerti ta' l-Ewrosistema.

3. Il-Kumitat ta' l-Akkwisti jista' jiċħad l-offerta jekk xi stamperija ma tkunx aktar tikkonforma mal-kriterji ta' eliġibbiltà stabbiliti f'din il-Linja ta' Gwida. Il-Kumitat ta' l-Akkwisti għandu jaddotta u jiddokumenta kwalunkwe deċiżjonijiet f'dan ir-rigward.

TITOLU III

PROĊEDURA WAĦDANIJA TA' SEJĦA GĦALL-OFFERTI TA' L-EWROSISTEMA

Artikolu 10

Separazzjoni tal-proċeduri ta' sejħa għall-offerti

Il-kwantità meħtieġa ta' kull denominazzjoni tal-karta tal-flus euro għandu jkun l-għan tal-proċedura waħdanija u separata ta' sejħa għall-offerti ta' l-Ewrosistema.

Artikolu 11

Proċedura ristretta

1. Il-Kumitat ta' l-Akkwisti għandu japplika proċedura ristretta għall-akkwist tal-ftehim ta' forniment għall-karti tal-flus euro.

2. Il-Kumitat ta' l-Akkwisti għandu jippubblika l-intenzjoni tiegħu li jagħti bidu għal proċedura ristretta fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*. Dan l-avviż għandu jinkludi ta' mill-inqas dan li ġej:

(a) informazzjoni dwar l-ammont totali ta' karti tal-flus euro meħtieġa, kif ukoll il-volum tal-kwantitajiet ta' produzzjoni li jistgħu jkunu soġġetti għal sejħa għall-offerti, u ż-żmien meħtieġ għall-produzzjoni u l-kunsinna; u

(b) il-kriterji ta' eliġibbiltà stabbiliti fl-Artikoli 7 u 8; u

(ċ) id-data ta' l-għeluq għall-preżentazzjoni ta' l-applikazzjonijiet sabiex wieħed jieħu sehem u l-indirizz fejn iridu jintbagħtu; u

(d) it-talba sabiex jinġiebu provi dwar il-qagħda finanzjarja soda u l-pożizzjoni professjonali skond il-paragrafu 3; u

(e) il-lingwa uffiċjali tal-Komunità li għandha tintuża fil-proċedura waħdanija ta' sejħa għall-offerti ta' l-Ewrosistema.

3. L-istamperiji li japplikaw sabiex jieħdu sehem fi proċedura ristretta għandhom jippreżentaw flimkien ma' l-applikazzjonijiet tagħhom, il-provi li ġejjin dwar il-qagħda finanzjarja soda u l-pożizzjoni professjonali tagħhom:

(a) kopji tar-rendikonti annwali tagħhom għall-aħħar tlett snin; u

(b) dikjarazzjoni ffirmata mill-iStamperija u ċċertifikata mill-awditur estern tagħha li (i) fis-sitt xhur ta' qabel l-akkwist l-ebda bidla sostanzjali fil-parteċipazzjoni fil-kapital tagħha, jew fil-kontroll fuqu, ma tkun seħħet; u (ii) matul dan il-perjodu ma tkun seħħet ebda diterjorazzjoni fil-qagħda finanzjarja tiegħu; u

(ċ) dikjarazzjoni ffirmata mill-iStamperija u ċċertifikata mill-awditur estern tagħha li ma tinsabx għaddejja minn proċedimenti ta' dikjarazzjoni ta' falliment, jew ta' stralċ bil-qorti jew ta' xi amministrazzjoni mill-qorti, jew li ma tinsabx f'xi arranġament mal-krediturì jew f'xi proċedimenti simili taħti il-liġijiet jew regolamenti nazzjonali; u

(d) dikjarazzjoni ffirmata mill-iStamperija li tafferma li l-ebda membru tal-korpi tat-teħid tad-deċiżonijiet tagħha ma qatt instab ħati ta' xi reat relatat ma' l-imġieba professjonali tiegħu permezz ta' sentenza li għandha s-saħħa ta' *res judiċata*; u

(e) dikjarazzjoni bil-miktub mill-iStamperija u ċċertifikata mill-awditur estern tagħha li tafferma illi din wettqet (i) l-obbligi tagħha dwar il-ħlas tal-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali skond id-dispożizzjonijiet legali ta' l-Istat Membru fejn tkun stabbilita; u (ii) l-obbligi tagħha dwar il-ħlas tat-taxxi skond id-dispożizzjonijiet legali ta' l-Istat Membru fejn tkun stabbilita.

4. Fir-rigward tal-paragrafi 3(b), (ċ), (d) u (e), il-Kumitat ta' l-Akkwisti jista' f'ċirkostanzi eċċezzjonali jeħtieġ illi xi Stamperija tippreżenta provi suffiċjenti kif speċifikat fl- Artikolu 45 (3) tad-Direttiva 2004/18/KE.

5. Il-limitu ta' żmien sa meta jiġu milqugħa l-applikazzjonijiet ta' parteċipazzjoni m'għandux ikun inqas minn 37 jum kalendarju mid-data meta l-avviż tas-sejħa għall-offerti jiġi ppubblikat fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

6. Il-Kumitat ta' l-Akkwisti għandu simultanjament u bil-miktub, jistieden lis-servizzi kollha ta' l-istampar li jkunu ppreżentaw dokumentazzjoni konformi mar-rekwiżiti tal-paragrafu 3, il-kriterji ta' l-eliġibbiltà stabbiliti fl-Artikoli 7 u 8 u mat-terminu ta' skadenza fil-paragrafu 5, sabiex jippreżwentaw offerti. L-ittra ta' stedina għandha tintbagħat flimkien ma' dokumentazzjoni ta' appoġġ fir-rigward tal-karti tal-flus euro li għandhom jiġu akkwistati. Din għandha tinkludi bħala minimu:

(a) fejn xieraq, l-indirizz minn fejn tista' tintalab aktar informazzjoni dwar is-sejħa għall-offerti u d-data ta' l-għeluq sa meta tista' ssir din it-talba; u

(b) id-data ta' l-għeluq sa meta jiġu milqugħa l-offerti, l-indirizz fejn iridu jintbagħtu u l-lingwa li biha għandhom jinkitbu; u

(ċ) ir-referenza għall-avviż tas-sejħa għall-offerti ippubblikat; u

(d) indikazzjoni ta' l-informazzjoni u d-dokumenti li jridu jiġu pprovduti mill-istamperiji. B'mod partikolari, offerta għandha tkun konformi mar-rekwiżiti kollha tas-sejħa għall-offerti ddefiniti minn qabel bħall-istandards tal-kwalità, il-volumi magħmula, l-iskedi tal-produzzjoni u tal-kunsinna, u għandha tispeċifika l-prezz offrut għal kull kwantità ta' produzzjoni kif iddefinit mill-Kumitat ta' l-Akkwisti; u

(e) il-kriterji għall-għoti ta' ftehim ta' forniment stabbilit fl-Artikolu 13.

7. Kemm-il darba tkun intalbet fil-ħin, informazzjoni addizzjonali relatata ma' akkwist speċifiku għandha tiġi pprovduta lill-istamperija sa mhux aktar tard minn sitt ijiem kalendarji qabel id-data finali stabbilita għar-riċeviment ta' l-offerti.

8. Il-limitu ta' żmien għar-riċeviment ta' offerti bil-miktub m'għandux ikun inqas minn 40 jum kalendarji mid-data minn meta tintbagħat l-istedina bil-miktub.

9. Meta l-limiti ta' żmien stabbiliti fil-paragrafi 5 u 7 ma jkunux prattiċi minħabba kwistjonijeit ta' urġenza, il-Kumitat ta' l-Akkwisti jista' jistabbilixxi t-termini ta' skadenza li ġejjin:

(a) limitu ta' żmien għar-riċeviment ta' applikazzjonijiet sabiex wieħed jieħu sehem flimkien ma' l-informazzjoni meħtieġa speċifikata fil-paragrafi 3 u 4, li m'għandux ikun inqas minn 15-il jum kalendarju mid-data minn meta tintbagħat l-istedina oriġinali; u

(b) limitu ta' żmien għar-riċeviment ta' l-offerti, li m'għandux ikun inqas minn 10-ijiem kalendarji mid-data tas-sejħa għall-offerti.

10. L-offerti m'għandhomx jinfetħu qabel il-limitu ta' żmien imħabbar għar-riċeviment tagħhom. L-offerti kollha għandhom jinfetħu fl-istess ħin u l-kontenut tagħhom għandu jitniżżel bil-miktub. Fil-ħin tal-ftuħ aktar minn nofs il-membri tal-Kumitat ta' l-Akkwisti għandhom ikunu preżenti.

11. Flimkien mal-każ msemmi fl-Artikolu 9(3), l-offerti mibgħuta jistgħu jiġu miċħuda (a) jekk il-limitu ta' żmien ma jiġux rispettati; jew (b) meta ma jiġux ippreżentati l-informazzjoni jew id-dokumenti kollha speċifikati fl-ittra ta' l-istedina. Il-Kumitat ta' l-Akkwisti għandu jaddotta u jiddokumenta kull deċiżjoni f'dan ir-rigward.

Artikolu 12

Eżenzjonijiet

1. Il-Kunsill Governattiv jista', waqt li jaġixxi fuq proposta mill-Kumitat ta' l-Akkwisti permezz tal- Bord Eżekuttiv, jew mill-Bord Eżekuttiv, japprova eżenzjonijiet għall-proċedura stabbilita fl- Artikolu 11, jew għal aspetti speċifiċi ta' din il-proċedura. Kull deċiżjoni ta' din ix-xorta għandha tkun debitament motivata u sostanzjata bis-sħiħ bil-miktub.

2. Kull eżenzjoni ta' din ix-xorta għandha titħalla ssir biss f'waħda jew aktar miċ-ċirkostanzi li ġejjin:

(a) Fin-nuqqas ta' offerti jew offerti xierqa bi tweġiba għall-proċedura kif stabbilita fl-Artikolu 11 kemm-il darba l-kundizzjonijiet oriġinali tas-sejħa għall-offerti ma jiġux mibdula b'mod sostanzjali; jew

(b) Jekk għal raġunijiet ta' urġenza estrema ikkawżati minn avvenimenti li ma setgħux jiġu mbassra mill-Kumitat ta' l-Akkwisti, l-akkwist tal-karti tal-flus euro jkun jinsab f'riskju.

Artikolu 13

Kriterji ta' l-għoti

1. Il-Kumitat ta' l-Akkwisti għandu jevalwa u jikklassifika l-offerti kollha kontra l-offerta li hija l-aktar vantaġġjuża ekonomikament. L-evalwazzjoni għandha tqis il-kriterji li ġejjin:

(a) il-prezz *ex-works* offrut għall-kwantità indikata tal-produzzjoni; u

(b) il-konformità mar-rekwiżiti kollha tas-sejħa għall-offerti b'mod partikolari f'dak li għandu x'jaqsam ma' l-istandards tal-kwalità u tas-sigurtà, il-volumi maħduma, u l-iskedi tal-produzzjoni u tal-kunsinna.

2. L-importanza li għandha tingħata lill-kriterji stabbiliti fil-paragrafu 1 għandha tkun tali illi l-kriterju tal-prezz offrut għall-kwantità tal-produzzjoni indikata jkun predominanti.

3. Qabel kull proċedura waħdanija ta' sejħa għall-offerti ta' l-Ewrosistema l-Kunsill Governattiv jista', waqt li jaġixxi fuq proposta mill-Bord Eżekuttiv, jispeċifika regoli dwar kriterji addizzjonali ta' l-għoti. Dawn il-kriterji addizzjonali għandhom jiżguraw l-istabbilità u l-kontinwità tal-provvista ta' karti tal-flus euro fit-tul u jevitaw dipendenza fuq fornitur wieħed. B'mod partikolari, il-Kunsill Governattiv jista' jistabbilixxi l-volum massimu ta' l-ammont totali offrut li offerent, inklużi negozji bi sħab, konsortja jew kull negozju ieħor kooperattiv legalment ammissibbli, jistgħu jiksbu.

Artikolu 14

Deċiżjoni ta' l-għoti

1. Il-Kumitat ta' l-Akkwisti għandu jħejji lista ta' l-istamperiji eliġibbli li huwa jipproponi għal ftehim ta' forniment, billi jindika l-ammonti u d-denominazzjonijiet rispettivi tal-karti tal-flus euro li għandhom jiġu stampati minnhom. Ir-raġunijiet li fuqhom tkun ibbbażata din il-lista proposta għandhom jiġu dokumentati b'mod ċar u kif suppost. Il-Kumitat ta' l-Akkwisti għandu jippreżenta din il-lista għall-approvazzjoni lill-Kunsill Governattiv permezz tal-Bord Eżekuttiv. Il- Kunsill Governattiv jista' jirreferi l-proposta lura lill-Kumitat ta' l-Akkwisti għal spjegazzjonijiet ulterjuri jew għal konsiderazzjoni mġedda qabel ma jieħu deċiżjoni.

2. Il-Kunsill Governattiv għandu jieħu deċiżjoni dwar liema stamperiji għandha jingħataw ftehim ta' forniment, u dwar l-ammonti u d-denominazzjonijiet rispettivi ta' karti tal-flus euro li għandhom jinħadmu minn dawn l-istamperiji, sa mhux aktar tard minn xagħrejn wara li l-Kumitat ta' l-Akkwisti jkun ippreżenta proposta lill-Bord Eżekuttiv.

3. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 6(3) id-deċiżjoni tal-Kunsill Governattiv għandha tiġi nnotifikata lill-istamperiji li jieħdu sehem fil-proċedura waħdanija ta' sejħa għall-offerti ta' l-Ewrosistema u lill-BĊNi kollha. Għandhom jiġu mgħarrfa wkoll dwar (a) il-prezz ta' l-offerti magħżula; u (b) il-klassifikazzjoni ta' l-offerti rispettivi tagħhom; u (ċ) il-marġni tal-prezz ta' l-offerti kollha; u (d) kwalunkwe kunsiderazzjoni relevanti oħra li tkun influwenzat id-deċiżjoni ta' l-għoti.

Artikolu 15

Reviżjoni tad-deċiżjoni ta' l-għoti

1. Stamperija li tkun ħadet sehem fil-proċedura waħdanija ta' sejħa għall-offerti ta' l-Ewrosistema skond din il-Linja ta' Gwida tista' titlob lill-Kunsill Governattiv sabiex jirrevedi d-deċiżjoni tiegħu. Din it-talba għandha ssir bil-miktub fi żmien 15-il jum kalendarju mid-data minn meta tintbagħat id-deċiżjoni tal-Kunsill Governattiv u għandha tinkludi l-argumentazzjoni u d-dokumentazzjoni pertinenti kollha.

2. F'każijiet bħal dawn, il-Kunsill Governattiv, waqt li jaġixxi fuq proposta mill-Bord Eżekuttiv, għandu jew jikkonferma mill-ġdid il-lista ta' l-istamperiji mogħtija ftehim ta' forniment, jew jirreferi l-ilment lura lill-Kumitat ta' l-Akkwisti għal rikonsiderazzjoni fid-dawl tar-regoli dwar l-akkwist speċifikati f'din il-Linja ta' Gwida.

3. Id-deċiżjoni finali tal-Kunsill Governattiv, li jew tikkonferma mill-ġdid jew temenda l-lista ta' stamperiji, għandha tittieħed fi żmien 30 jum tal-kalendarju mill-preżentazzjoni ta' l-ilment u għandha tkun debitament motivata. Notifika bil-miktub dwarha għandha tingħata lill-istamperiji konċernati.

Artikolu 16

Ftehim ta' forniment

1. Wara l-konklużjoni ta' proċedura waħdanija ta' sejħa għall-offerti ta' l-Ewrosistema u malli l-limiti ta' żmien ta' l-Artikolu 15 għar-reviżjoni tad-deċiżjoni ta' l-għoti jkunu skadew, l-awtoritajiet kontraenti għandhom jikkonkludu ftehim ta' forniment ma' l-istamperiji li jkunu ingħataw ordnijiet ta' produzzjoni. Dawn il-ftehim ta' forniment għandhom jikkonformaw ma' l-elementi minimi komuni stabbiliti fl-Anness II ta' din il-Linja ta' Gwida. Il-Bord Eżekuttiv għandu jiġi pprovdut b'kopji tal-ftehim ta' forniment iffirmati mill-awtoritajiet kontraenti ma' l-istamperiji hawn fuq imsemmija.

2. Ftehim ta' forniment għandu jiġi konkluż għal perjodu ddefinit minn qabel mill-Kunsill Governattiv, u l-ftehim ta' forniment għandu jispeċifika l-għadd ta' karti tal-flus euro li għandhom jiġu kkunsinnati perjodikament. Il-ftehim ta' forniment għandu jippermetti lill-awtorità kontraenti sabiex tkun tista' temenda perjodikament l-għadd ta' karti tal-flus speċifikati fih għall-produzzjoni, madanakollu, dawn l-emendi għandhom jibqgħu fil-limiti speċifikati fil-kundizzjonijiet tas-sejħa għall-offerti (inkella tista' tiġi emendata l-iskeda tal-kunsinna).

TITOLU IV

REGOLI APPLIKABBLI QABEL IL-PERJODU TRANŻITORJU

Artikolu 17

Il-produzzjoni tal-karti tal-flus ewro qabel il-perjodu tranżitorju

Minghajr preġudizzju għall-Artiklu 6(2), qabel il-bidu tal-perjodu tranżitorju l-BĊNi għandhom jew jipproduċu l-karti tal-flus allokati lilhom fl-istamperiji tagħhom ta' ġewwa jew f'dawk pubbliċi rispettivi, jew inkella għandhom jagħtu din il-produzzjoni, skond il-leġiżlazzjoni applikabbli, lill-istamperiji akkreditati.

TITOLU V

DISPOŻIZZJONIJIET TRANŻITORJI

Artikolu 18

Parteċipazzjoni ta' stamperiji ta' ġewwa jew dawk pubbliċi fil-proċedura waħdanija ta' sejħa għall-offerti ta' l-Ewrosistema matul il-perjodu tranżitorju

1. Il-proċeduri stabbiliti f'din il-Linja ta' Gwida għandhom japplikaw matul il-perjodu tranżitorju għal dawk il-BĊNi kollha li joħorġu sejħa għall-offerti għall-produzzjoni tal-karti tal-flus ewro allokati lilhom.

2. Matul il-perjodu tranżitorju l-istamperiji ta' ġewwa jew dawk pubbliċi jistgħu jipparteċipaw fil-proċedura waħdanija ta' sejħa għall-offerti ta' l-Ewrosistema bil-kundizzjoni li :

(a) il-Kunsill Governattiv, waqt li jaġixxi fuq proposta tal-Bord Eżekuttiv, jikkonferma li dawk l-istamperiji jikkonformaw mal-kriterji ta' l-eliġibbiltà stabbiliti fl-Artikoli 7 u 8; u

(b) il-BĊN ta' l-istamperija in kwistjoni ma jeżerċitax id-dritt stabbilit fl-Artikolu 6(2) li jiddeċiedi li ma jipparteċipax fil-proċedura waħdanija ta' sejħa għall-offerti ta' l-Ewrosistema.

3. Deċiżjoni favur il-parteċipazzjoni fil-proċedura waħdanija ta' sejħa għall-offerti ta' l-Ewrosistema għandha tkun irriversibbli.

Artikolu 19

Il-kompożizzjoni u l-funzjoni tal-Kumitat ta' l-Akkwisti matul il-perjodu tranżitorju

1. Matul il-perjodu tranżitorju l-Kumitat ta' l-Akkwisti għandu jikkonsisti f'ħames membri.

2. Matul il-perjodu tranżitorju r-regoli u l-proċeduri ta' dan it-Titolu għandhom japplikaw b'deroga minn dawk imniżżla fit-Titoli I, II u III. Il-bqija tar-regoli u l-proċeduri stabbiliti f'din il-Linja ta' Gwida għandhom japplikaw *mutatis mutandis* fil-perjodu tranżitorju.

TITOLU VI

DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

Artikolu 20

Dħul fis-seħħ

Din il-Linja ta' Gwida għandha tidħol fis-seħħ fl-20 jum wara l-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 21

Reviżjoni

Il-Kunsill Governattiv għandu jirrevedi din il-Linja ta' Gwida fil-bidu ta' l-2008 u wara kull sentejn li jibdew jgħoddu minn dik is-sena.

Artikolu 22

Destinatarji

Din il-Linja ta' Gwida hija indirizzata lill-banek ċentrali nazzjonali ta' l-iStati Membri parteċipanti.

Magħmula fi Frankfurt am Main, fis-16 ta' Settembru 2004.

Għall-Kunsill Governattiv tal-BĊE
Il-President tal-BĊE
Jean-Ċlaude TRIĊHET

ANNESS I

Dikjarazzjoni dwar il-konformità mal-Kodiċi tal-Kondotta tal- Kumitat ta' l-Akkwisti

Mingħajr preġdizzju għall-kodiċi tal-kondotta tal-[BĊE][BĊNI] li joħloq rabta legali, [żid l-isem], membru tal-Kumitat ta' l-Akkwisti, jintrabat li jikkonforma mal-kodiċi tal-kondotta li ġej:

(a) il-membri tal-Kumitat ta' l-Akkwisti għandhom jastjenu milli jevalwaw offerti individwali ppreżentati mill-istamperiji ta' ġewwa jew pubbliċi tal-BĊNi rispettivi tagħhom; u

(b) il-membri tal-Kumitat ta' l-Akkwisti għandhom jevitaw kull sitwazzjoni li x'aktarx tista' twassal għal kunflitt ta' interess, b'mod partikolari fir-rigward ta' konnessjonijiet fil-passat, fil-preżent jew fil-futur ta' natura personali jew professjonali ma' xi stamperiji jew ma' xi membru tal-korpi responsabbli għat-teħid tad-deċiżjonijiet jew mal-maniġment ta' xi stamperija; u

(ċ) il-membri tal-Kumitat ta' l-Akkwisti huma projbiti milli jużaw informazzjoni kunfidenzjali kull meta jwett qu transazzjonijiet finanzjarji privati għall-benefiċċju tagħhom stess jew għall-benefiċċju tal-membri diretti tal-familja tagħhom; u

(d) il-membri tal-Kumitat ta' l-Akkwisti għandhom josservaw kunfidenzjalità stretta fir-rigward ta' informazzjoni kunfidenzjali. B'mod speċifiku, kull informazzjoni kunfidenzjali ta' din ix-xorta m'għandhiex tingħadda lill-BĊNi rispettivi tagħhom jew lill-BĊE; u

(e) il-membri tal-Kumitat ta' l-Akkwisti għandhom joqogħdu lura milli jfittxu li jitolbu xi rigali u/jew divertiment mingħand l-istamperiji li jkunu akkreditati, jew li jistgħu japplikaw għall-akkreditazzjoni, bħala kundizzjoni minn qabel għall-produzzjoni tal-karti tal-flus euro. Il-Membri tal- Kumitat ta' l-Akkwisti ma għandhomx jaċċettaw rigali u/jew divertiment li jaqbżu ammont ta' drawwa jew negliġibbli, kemm jekk finanzjarji jew mhux finanzjarji mill-istamperiji. Kull rigal u/jew divertiment ta' din ix-xorta għandhom jiġu rrappurtati lill-membri l-oħrajn tal-Kumitat ta' l-Akkwisti. Il-Membri ma jistgħux ikunu impjegati minn xi stamperija li tkun ingħatat ordni ta' produzzjoni għal perjodu minimu ta' sentejn wara li jkunu telqu mill-Kumitat ta' l-Akkwisti.

Il-firmatarju jifhem illi f'każ illi huma jiksru xi waħda minn dawn ir-regoli l-Kunsill Governattiv jista' (i) ikeċċihom mill-Kumitat ta' l-Akkwisti; u (ii) jikkomunika dan, skond kif ikun xieraq għal skopijiet dixxiplinarji, lil min iħaddimhom; u (iii) jaħtar suċċessur fil-Kumitat ta' l-Akkwisti.

Isem Data

ANNESS II

Elementi komuni minimi għal ftehim ta' forniment

Safejn ikun permessibbli skond il-liġijiet applikabbli, ftehim ta' forniment għandhom jikkonformaw ma' l-elementi komuni minimi li ġejjin.

1.1 Il-pjanijiet ta' l-Ewrosistema għall-produzzjoni tal-karti tal-flus euro għandhom jiġu inklużi bħala parti integrali mill-ftehim ta' forniment. B'mod partikolari, l-ammonti preċiżi ta' karti tal-flus euro li għandhom jiġu maħduma u kkunsinnati, id-dritt ta' l-awtoritajiet kontraenti li jemendaw [l-għadd totali tal-karti tal-flus euro fil-limiti ddefiniti minn qabel (alternattivament l-iskeda tal-kunsinna)], l-allokazzjoni tal-produzzjoni fuq il-linji ta' produzzjoni li l-istamperiji jagħmlu disponibbli, kif ukoll il-pjanijiet għall-istadji elwenin tal-produzzjoni inkluż l-istadju ta' l-aċċettazzjoni u tal-validazzjoni, kollha għandhom jitniżżlu b'mod dettaljat fil-ftehim ta' forniment. Dettalji komprensivi dwar il- maniġment, l-aċċettazzjoni u l-validazzjoni (fuq il-bażi ta' kontrolli tal-kwantità u tal-kwalità) tal-karti tal-flus euro għandhom jitniżżlu fil-ftehim ta' forniment.

1.2 Ftehim ta' forniment għandhom jinkludu klawsola dwar ir-rapportaġġ tal-progress tal-produzzjoni, skond l-istandards u l-proċeduri li għandhom jiġu ddefiniti separatament mill-BĊE.

1.3 Ftehim ta' forniment għandom jinkludu klawsola dwar produzzjoni żejda/nieqsa ta' karti tal-flus euro. L-ammonti żejda/nieqsa li huma permessi u t-trattament tagħhom għandhom jiġu speċifikati separatament mill-BĊE, u għandhom jiġu rapportati b'reqqa lill-BĊE fil-qafas tas-sistema komuni ta' rappurtaġġ dwar il-progress tal-produzzjoni. Barra minn hekk, il-ftehim ta' forniment għandhom jinkludu klawsola li tipprojbixxi lill-istamperiji milli jżommu ħażniet ta' karti tal-flus euro żejda wara li jkun ġie mwettaq ftehim ta' forniment.

1.4 L-awtoritajiet kontraenti għandhom jintroduċu miżuri kuntrattwali xierqa ta' salvagward fil-ftehim ta' forniment tagħhom li jistipulaw illi l-ammont u l-iskeda tal-kunsinna tal-karti tal-flus euro ordnati jistgħu jinbidlu fil-limiti stabbiliti mill-BĊE.

1.5 L-awtoritajiet kontraenti għandhom jintroduċu klawsoli xierqa fil-ftehim ta' forniment tagħhom, li jippermettulhom li jtemmu ftehim ta' forniment jekk jinqalgħu ċirkostanzi mhux previsti (e.ż. it-tnedija ta' serje ġdida). Il-klawsola għandha tipprovdi għal kumpens xieraq għat-telf u d-danni li jridu jitħallsu skond skema li għandha tiġi ddefinita mill-BĊE.

1.6 Il-ftehim ta' forniment għandhom jispeċifikaw il-prezz tal-karti tal-flus euro stampati.

1.7 L-awtoritajiet kontraenti għandhom id-dritt li jżommu l-ħlas ta' xi fattura jew ta' parti minn xi fattura meta jinqalgħu sitwazzjonijiet li ma jkunux konformi mal-ftehim ta' forniment, b'mod partikolari fil-każ ta'xi difett jew nuqqas ta' konformità tal-karti tal-flus euro kkunsinnati.

1.8 Ftehim ta' forniment għandhom jagħmlu distinzjoni ċara bejn kontroll ta' kwalità tal-livell 1 mill-istamperiji konċernati, u validazzjoni ta'kwalità tal-livell 2 mill-awtorità kontraenti skond ir-rekwiżiti ta'kwalità tal-produzzjoni tal-karti tal-flus euro. B'mod partikolari, ftehim ta' forniment għandu jinkludi proċedura, (li għandha tiġi stabbilita separatament mill-Bord Eżekuttiv waqt li jqis il-fehmiet tal-Kumitat tal-Karti tal-Flus), li tippermetti — qabel ma jibda l-istampar fuq skala kbira — awtorizzazzjoni sabiex jinbdew l-istadji ewlenin tal-produzzjoni e.ż. għall-manifattura tal-karta, l-istampar *offset* u l-istampar *intaglio*. Il-ftehim ta' forniment għandu jippermetti lill-awtoritajiet kontraenti li jakkomodaw reviżjonijiet ġustifikati b'mod raġonevoli għar-rekwiżiti ta'kwalità tal-produzzjoni tal-karti tal-flus euro wara li jkunu ġew approvati mill-BĊE.

1.9 L-istamperiji għandu jkollhom l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi kollha l-aħħar li huma neċessarji għall-produzzjoni tal-karti tal-flus euro meta jibdew il-produzzjoni. L-istamperiji għandhom jiggarantixxu li l-karti tal-flus euro jiġu maħduma b'konformità stretta ma'dawn l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi.

1.10 L-istamperiji għandu jkollhom meta jibdew il-produzzjoni, deskrizzjoni kompleta u ddettaljata ta' (a) l-proċeduri ta'kontroll tal-kwalità kurrenti u validi li għandhom jiġu applikati għall-produzzjoni tal-karti tal-flus euro; u (b) il-kriterji u l-proċeduri komuni ta'aċċettazzjoni kurrenti u validi. Il-ftehim ta' forniment għandu jippermetti lill-awtoritajiet kontraenti sabiex jipprovdu reviżjonijiet ġustifikati għal dawn id-dokumenti wara approvazzjoni minn qabel tal-BĊE. L-istamperiji għandhom jiggarantixxu li ser jirrispwettaw dawn l-istandards kollha u li ser jipproduċu karti tal-flus euro b'konformità stretta ma' dawn l-imsemmija proċeduri ta'kontroll tal-kwalità.

1.11 L-istamperiji għandu jkollhom regoli ta'sigurtà kompleti u ddettaljati għall-produzzjoni, il-ħżin u t-trasport ta' elementi protetti ta' l-euro li jiġu deċiżi separatament mill-Bord Eżekuttiv waqt li jiġu meqjusa l-fehmiet tal-Kumitat tal-Karti tal-Flus. Ftehim ta' forniment għandu jippermetti lill-awtoritajiet kontraenti sabiex jipprovdi reviżjonijiet ġustifikati għal dawn id-dokumenti wara approvazzjoni minn qabel mill-BĊE. L-istamperiji għandhom jiggarantixxu fil-ftehim ta' forniment li ser jirrispettaw il-ftehim u ser jipproduċu karti tal-flus euro li huma strettament konformi ma'l-imsemmija regoli ta' sigurtà.

1.12 Il-ftehim ta' forniment għandu jinkludi klawsola li tittratta dwar problemi ta' kunsinna tardiva, kwalità u kwantità u kull nuqqas ieħor mill-istamperija ta'konformità mal-ftehim ta' forniment. Għandha tiġi inkluża klawsola ta' penali (jew xi rimedju appropjat ieħor) fil-ftehim ta' forniment. Per eżempju, jekk jinstabu xi difetti ta' kwalità/kwantità f'perjodu definit minn qabel fil-ftehim ta' forniment, l-awtorità kontraenti tista' ġġieħel lill-istamperiji rispettivi biex jibdlu l-karti tal-flus euro difettużi mingħajr spejjeż ulterjuri fi żmien perjodu raġonevoli definit minn qabel. Dawn ir-regoli jiġu deċiżi separatament mill-Bord Eżekuttiv li għandu jqis il-fehmiet tal-Kumitat tal-Karti tal-Flus.

1.13 Ftehim ta' forniment għandu jinkludi klawsola dwar ir-responsabbiltà li tkopri ta'mill-inqas r-responsabbiltà ta'l-istamperija għal danni u telf diretti minħabba traskuraġni jew azzjoni volontarja. L-awtoritajiet kontraenti jistgħu jinvestigaw jekk il-ftehim ta' forniment għandux ikopri wkoll azzjonijiet għal danni fuq il-bażi ta' telf indirett jew b'konsegwenza bħal *lucrum cessans,* telf ta' produzzjoni, spejjeż ta' produzzjoni addizzjonali, telf ta' negozju, eċċ. Barra minn hekk, ebda parti kontraenti ma titqies li kisret il-ftehim ta' forniment jekk u safejn dan in-nuqqas ikun minħabba forza maġġuri.

1.14 Ftehim ta' forniment għandu jispeċifika n-numerazzjoni tal-karti tal-flus euro, kif definit mill-BĊE.

1.15 Ftehim ta' forniment għandu jinkludi klawsola ta' kunfidenzjalità kif deċiż separatament mill-Bord Eżekuttiv waqt li jqis il-fehmiet tal-Kumitat tal-Karti tal-Flus. B'mod partikolari, l-informazzjoni kollha żvelata mill-awtoritajiet kontraenti lill-istamperiji, iżda eskluża kull informazzjoni li tkun jew lit kun saret aċċessibbli għall-pubbliku, ħlief bi ksur tal-klawsola ta' kunfidenzjalità jew li diġà tkun magħrufa pubblikament, għandha tiġi meqjusa bħala strettament kunfidenzjali u m'għandhiex tiġi żvelata lil partijiet terzi mingħajr il-kunsens bil-miktub u minn qabel ta' l-awtorità kontraenti.

1.16 Fl-aħħar, sabiex tiġi garantita n-natura kunfidenzjali ta' kull proċediment, kull tilwima li tinqala bejn il-partijiet dwar ftehim ta' forniment għandha tiġi deċiża skond ir-Regoli ta' l-Arbitraġġ tal-Kamra Internazzjonali tal-Kummerċ minn tlett arbitri maħtura skond ir-Regoli msemmija.